# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

**Minuti**

**L-Għaxar Leġislatura**

**Laqgħa numru 33 – Laqgħa Pubblika**

**18:30 pm 18 ta' Frar 2026**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |

**Assenti**

Ħadd

**Uffiċċjal Preżenti**

Roderick Ebejer - Segretarju Eżekuttiv

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Segretarju Eżekkuttiv: Roderick Ebejer

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**Is-Sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fis- Seba' u tnejn u għoxrin minuta ta' filgħaxija (19:22pm).**

**33.1 Is-Sindku ppreżenta l-Pjan ta' Ħidma;**

Is-Sindku spjega li s-sena 2025 kienet l-ewwel sena sħiħa ta' din il-leġiżlatura. Huwa esprima li jħossu onorat u grat lejn il-poplu tal-Marsa li afdalu l-kariga ta' Sindku għal din il-lokalità tant għażiża għall-Marsin.

Irrimarka li ma kinitx sena faċli, peress li, kif jgħidu, il-bidu dejjem ikun iebes. Madankollu, grazzi għal taħlita ta' ideat ġodda u l-esperjenza tal-kollegi kunsilliera, il-Kunsill qed iħares 'il quddiem sabiex il-Marsa tingħata d-dinjità li tassew jixirqilha.

Żied jgħid li matul il-laqgħa se jkun qed jippreżenta l-ħidma li saret matul is-sena li għaddiet, kif ukoll il-pjanijiet għas-sena li ġejja.

**<u>L-Ambjent</u>**

Is-Sindku spjega li l-ħidma bdiet billi l-Kunsill iffoka l-ħidma tiegħu fuq l-indafa, fejn sar ftehim mad-Direttorat tat-Tindif biex ix-xogħol tal-knis jibda jsir minn dan id-direttorat. Is-Sindku qal li fil-Marsa qed jingħata servizz minn tmien kenniesa.

Wara diversi konsultazzjonijiet, ittieħdet id-deċiżjoni li jitneħħew l-open skips, li sfortunatament kienu qed iwasslu għal diversi abbużi ta' rimi ta' skart illegali. Żdiedu wkoll id-dog bins madwar il-lokalità u s-sidien tal-klieb ġew imħeġġa jagħmlu użu minnhom sabiex flimkien tinżamm il-lokalità nadifa.

Ġew installati cameras tas-sigurtà sabiex jitnaqqas l-abbuż ta' rimi ta' skart fit-toroq, u l-Kunsill ħadem mill-qrib mal-ERA, il-LESA u l-Pulizija sabiex isiru spot checks u min jinqabad jarmi l-iskart b'mod illegali jiġi mħarrek.

Inizjattiva li l-Kunsill daħħal fis-sena 2025 kienet it-tqassim ta' bins lis-sidien tal-istalel, bil-għan li jitnaqqas ir-rimi ta' skart relatat maż-żwiemel fit-toroq ta' madwar il-korsa.

Kif jsir kull sena, il-Kunsill ipparteċipa fl-inizjattiva Clean Up Campaign fejn, bħala tim flimkien mal-għaqdiet tal-lokalità, ġew imnaddfa diversi żoni fil-lokalità. Ġew imħeġġa aktar residenti jingħaqdu meta jiġu organizzati attivitajiet ta' din ix-xorta, sabiex ikompli jissaħħaħ is-sens ċiviku mhux biss fost il-membri tal-Kunsill iżda wkoll fost ir-residenti tal-lokalità.

**<u>Sigurta'</u>**

Is-Sindku spjega dwar is-sigurtà tar-residenti, filwaqt li rrimarka li kulħadd jaf li l-popolazzjoni tal-Marsa hija fil-maġġoranza tagħha anzjana. Għalhekk inħasset il-ħtieġa li s-sigurtà tingħata prijorità fil-ħidma tal-Kunsill.

Bdiet il-ħidma fuq programm ta' installazzjoni ta' CCTV cameras fit-toroq tal-Marsa, programm li jirrikjedi ħafna xogħol u ppjanar. Is-Sindku enfasizza li mhux biss kwistjoni li tinstalla camera, iżda li dawn jiġu installati b'mod li tiġi ssalvagwardjata l-privatezza tar-

residenti, filwaqt li jrid jiġi stabbilit ukoll min se jkun responsabbli mis-sorveljanza ta' dawn il-cameras.

Żdied id-dawl fit-toroq permezz ta' bozoz li jarmu dawl qawwi ta' kulur abjad. Ġie installat dawl ġdid f'żoni li kienu meqjusa bħala black spots, bil-għan li jitnaqqsu l-abbużi u r-residenti jħossuhom aktar siguri.

Eżempju ta' dan huwa ż-żona tal-Gazebo, fejn ġew installati floodlights bojod li jdawlu u jtejbu l-viżibilità f'din iż-żona.

Is-Sindku spjega li wara diversi laqgħat mal-Pulizija, żdiedu l-patrols fit-toroq tal-lokalità. Huwa qal li dan kien possibbli peress li l-Pulizija setgħu japplikaw għall-overtime sabiex ikunu jistgħu jaħdmu aktar ta' spiss u b'hekk tissaħħaħ is-sigurtà fil-Marsa.

Is-Sindku qal li bis-saħħa ta' dawn il-miżuri naqsu b'mod sostanzjali diversi abbużi. Huwa żied jgħid li ma xtaqx jidħol fil-mertu tad-dettalji f'dak il-mument, iżda rrimarka li kulħadd jaf għal xiex kien qed jirreferi.

## Servizz ta' transport b'xejn

Is-Sindku spjega li matul is-sena 2025 tkompla s-servizz ta' transport b'xejn għall-anzjani tal-lokalità. Huwa qal bi pjaċir li dan is-servizz ġie estiż sat-3.00 ta' wara nofsinhar, sabiex l-anzjani jingħataw servizz aktar flessibbli lejn u minn postijiet meħtieġa.

Semma wkoll li matul l-istaġun tas-sajf, il-Kunsill offra servizz ta' transport għaċ-ċittadini żgħar li attendew l-attività ta' SkolaSajf, sabiex jiġi ffaċilitat l-attendenza tagħhom.

## Xogħlijiet Infrastrutturali

Is-Sindku spjega li fis-sena li għaddiet, flimkien ma' Infrastructure Malta, nbeda xogħol ta' resurfacing ta' numru ta' toroq tal-lokalità.
Dan ix-xogħol kien jinvolvi tibdil ta' servizzi, bankini ġodda u tarmac ġdid. Matul is-sena tlestew Triq San Franġisk, Triq San Mikiel u Triq Neriko Sacco. Lejn l-aħħar tas-sena 2025, bħala parti mir-riġenerazzjoni tal-pjazza, nbeda wkoll il-proġett infrastrutturali fi Triq is-Salib.

Ħidma oħra li saret matul is-sena 2025 mill-Kunsill kienet tinvolvi manutenzjoni madwar il-lokalità, inkluż manutenzjoni ta' ċnut, bankijiet, tibdil ta' tabelli tat-traffiku u żebgħa ta' marki tat-toroq.

Għas-sena 2026 huwa ppjanat li jsir xogħol simili fuq diversi toroq oħra fil-lokalità.

## Kultura, Edukazzjoni u Ħidma mal-Għaqdiet

Matul is-sena 2025 kienu organizzati bosta attivitajiet edukattivi, soċjali u kulturali fil-lokalità. Ftaħna s-sena bl-għoti ta' Ġieħ il-Marsa, fejn onorajna bosta persuni li jaħdmu b'qatigħ fis-soċjetà Maltija. Komplejna bl-attività annwali tal-Karnival bis-sehem tal-baned Marsin.

Fl-okkażjoni tal-Festi marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa, ħadna ħsieb li nippubblikaw fuljett informattiv dwar il-wirjiet li saru fil-lokalità u tajna l-għajnuna kollha meħtieġa sabiex il-Pagaent tal-Ġimgħa l-Kbira jerġa' jinżamm fit-toroq tagħna għal sena oħra.

Kienu organizzati bosta taħdidiet ta' interess ġenerali, fosthom *Chemo Bags for Hope* flimkien mal-Fondazzjoni *Smiling for Jerome*. Kienu organizzati wkoll testijiet tas-saħħa b'xejn flimkien mal-*Cancer Research and Innovation Hub*, u offriena s-servizz ta' tilqim tal-influenza ġewwa l-binja tal-Kunsill, bil-għan li r-residenti ma jkollhomx l-iskariġġ li joħorġu barra mil-lokalità.

Kienu organizzati wkoll lezzjonijiet tal-Arti għall-anzjani li attendew iċ-Ċentru Matul il-Jum, u offriena wkoll kors relatat mal-bini ta' presepji.

Għal festi tal-Milied, flimkien mal-Parroċċa Trinita' kien organizzati l-Festival Internazzjonali tal-Korijiet. L-attivitajiet għal familji kollha inkludejnu *Taste & Fun* fi Ġnien Spencer u lezzjonijiet ta' crafts relatati mal-Milied għall-residenti kollha tagħna, filwaqt li ġiet organizzata wkoll il-parata tal-Milied fit-toroq.

Ma nistgħux ninsew il-wirja spettakolari ta' presepji ġewwa l-binja tal-Kunsill, fejn kull min ġie jaraha seta' japprezza l-kapaċità u d-dedikazzjoni tar-residenti tagħna f'din l-arti tal-presepji.

Il-Kunsill kien ukoll parteċipattiv fl-inizjattiva *Light Up the Night*, b'turija ta' sapport għall-persuni li jbatu bil-Fibromyalgia, u fl-inizjattiva *Rigal b'Imħabba*, fejn ġew mogħtija rigali lil tfal li għaddejjin minn diffikultajiet soċjali. Il-Kunsill kien ukoll parteċipattiv fil-Maratona tal-President, b'risq il-*Malta Community Chest Fund*.

**<u>Amministrazzjoni u s-servizz liċ-ċittadin</u>**

Matul is-sena 2025, l-amministrazzjoni tal-Kunsill kienet qed topera b'4 impjegati klerikali u Customer Care Support Officer. F'nofs is-sena, ġew impjegati Segretarju Eżekuttiv full-time li beda jaħdem sabiex jara li l-Kunsill kien qed jimxi b'mod aktar effiċjenti u skont id-dmirijiet stipulati mill-liġi. Is-servizz fil-Customer Care baqa' jingħata b'mod professjonali mit-Tnejn sas-Sibt.

Żdied ukoll is-servizz tal-permessi online, sabiex ir-residenti jkunu jistgħu japplikaw għall-permessi mingħajr l-iskariġġ li jiġu b'mod personali fil-binja tal-Kunsill waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju.

**Servizzi oħra mill-Kunsill**

Matul is-sena 2025, il-ħidma kompliet sabiex is-servizzi mogħtija mill-Kunsill ikunu ta' valur għall-flus li qed inħallsu r-residenti. Filwaqt li l-ġbir ta' skart kien mmaniġġjat mir-Reġjun Nofsinhar, il-Kunsill baqa' jirrisisti sabiex is-servizz jingħata b'mod tajjeb u effettiv.

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Segretarju Eżekkuttiv: Roderick Ebejer

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

Is-servizz tal-ġbir ta' skart goff kien mogħti wkoll nhar ta' Sibt, bil-għan li ċ-ċittadini Marsin li jaħdmu fost il-ġimgħa jkunu jistgħu jużaw dan is-servizz bl-inqas inkonvenjent possibbli.

Is-Sindku qal li qed jingħata servizz ta' tiswija b'xejn ta' tagħmir elettroniku, bħal laptops, tablets u cameras. Dan is-servizz kien disponibbli għal kull resident Marsi, u kull min kien interessat kellu jiġi fl-uffiċċju tal-Kunsill sabiex jiġbor voucher.

Barra minn hekk, ġew offruti korsijiet tal-għawm bi prezzijiet sussidjati fil-Kumpless Sportiv tal-Cottonera.

**Is-sena 2026, sena oħra ta' sfida**

Il-Kunsill se jkun qed ikompli jiffoka l-ħidma tiegħu fuq is-sigurta tar-residenti billi jinstalla aktar cameras tas-sigurta fit-toroq tagħna.

Qed nippjanaw li jiġu żviluppat Dog Park u Open Gym. Se nkomplu nirsistu biex isiru aktar xogħlijiet ta' resurfacing ta' toroq flimkien ma' Infrastructure Malta, filwaqt lli jiġu sfruttati fondi li jinħarġu minn żmien għal żmien mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

Is-Sindku qal li l-Kunsill se jiffoka l-ħidma tiegħu fuq is-servizz relatat maż-żamma tal-ġonna. Huwa stqarr li l-Marsin ikollhom spazji miftuħa adegwati fejn ikunu jistgħu jirrikreaw ruħhom mingħajr il-ħtieġa li joħorġu mil-lokalità.Spjega ukoll li bħala kunsill qed jaħdem biex jinħolqu parkeġġi adegwati ġewwa l-lokalita'.

Is-Sindku spjega li l-ħidma se tkompli sabiex l-istaff amministrattiv jibqa' jingħata training, biex ikomplu jtejbu l-ħiliet tagħhom b'risq is-servizz mogħti lejn iċ-ċittadini. Huwa informa wkoll li l-Kunsill se jkompli jaħdem kollettivament biex jiġu organizzati attivitajiet ta' kwalità ġewwa l-lokalità.

**Kuntatt maċ-Ċittadin**

Is-Sindku għalaq billi rringrazzja lill-Viċi Sindku, lill-kunsilliera, lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-istaff amministrattiv għall-ħidma u d-dedikazzjoni tagħhom. Huwa informa lir-residenti biex jagħmlu kuntatt mal-uffiċċju tal-Kunsill kif meħtieġ, sabiex jingħataw l-assistenza bl-aħjar mod possibbli, bil-għan li l-komunità Marsija tgħix f'ambjent san u sigur.
Kommess li nkompli nżomm kuntatt magħkom ir-residenti.

**33.2 Preżentazzjoni tal- Estimi finanzjarji għas-sena 2026**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li matul is-sena 2025, il-Kunsill Lokali kellu dħul ta' ftit aktar minn miljun Ewro. Dan id-dħul ġie ġġenerat mill-allokazzjoni mogħtija mill-Gvern Ċentrali, minn skemi li għalihom japplika l-Kunsill, kif ukoll mid-dħul ieħor mill-permessi maħruġa mill-Kunsill.

Bħala spejjeż, il-Kunsill kellu qrib disa' mija u disgħin elf Ewro, bl-akbar parti speċifikament relatata mal-ġbir ta' skart domestiku u kummerċjali kif ukoll skart iġġenerat miż-żona tal-korsa tal-Marsa.

Spejjeż oħra kienu relatati mal-amministrazzjoni, fejn l-impjegati ngħataw żieda fis-salarju hekk kif daħal fis-seħħ ftehim settorali ġdid.

**Is-sena 2026**

Il-Kumitat Finanzji, ippreżenta lill-Kunsill il-budget għas-sena li ninsabu fiha, hekk kif il-Kunsill ingħata l-allokazzjoni finanzjarja ta' € 632,461 . Il-Kunsill qed jipproġetta li jdaħħal madwar € 420,000 minn skemi u rifużjoni relatati mal-iskart, kif ukoll € 35,000 minn permessi.

Bħala spejjeż, il-Kunsill qed jipproġetta li jibqgħu bejn wieħed u ieħor l-istess, f'dak li għandu x'jaqsam mas-servizzi li jingħataw mill-Kunsill. Il-fondi allokati huwa ta' madwar € 742,000.

Huwa mistenni li jkun hemm żieda fis-salarji, minħabba ż-żieda tal-għoli tal-ħajja u żidied oħra li jistgħu jingħataw skont il-ftehim settorali. Il-fondi allokati jammontaw għal € 266,054.

€50,000 ġew allokati għall-ispejjeż amministrattivi, fosthom kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-uffiċċji amministrattivi u ġodda.

Bħala Segretarju Eżekuttiv kommess li jiggwida lill-Kunsill juża dawn il-fondi bl-aħjar mod possibbli għal ġid tal-komunita' Marsija.

**33.3 Interventi mill-Pubbliku**

Is-Sindku, Luke Farrugia, stieden lill-pubbliku sabiex isaqsi mistoqsijiet lil membri tal-Kunsill.

**Resident 1**: Ippropona li jitpoġġa **mobile toilet** fi **Triq is-Sajjieda**, peress li bħalissa qed isiru xogħlijiet fit-triq u hemm bżonn ta' faċilitajiet sanitarji adegwati kemm għall-ħaddiema kif ukoll għar-residenti tal-madwar.

Tqajmet ukoll il-kwistjoni ta' **Triq tal-Faħam**, fejn qed ikun hemm trailers ipparkjati illegalment. Ġie sostnut li fil-passat seħħ inċident traġiku fejn persuna tilfet ħajjitha minħabba trailers ipparkjati b'mod irregolari. Għaldaqstant, ġie enfasizzat il-bżonn ta' infurzar aktar strett sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet simili fil-futur.

Proposta oħra kienet sabiex titpoġġa mera fi **Triq Sannat**, fl-inħawi tal-S&T, peress li trailers ipparkjati qed jostakolaw l-isqaq u l-vetturi li joħorġu minnu mhumiex qed ikollhom vista ċara tat-triq prinċipali.

Ġie ssuġġerit ukoll li fi **Triq il-Marsa**, quddiem il-ħanut Blanco, jinġibdu linji tat-traffiku u jiġu implimentati miżuri biex ma jkunx permess l-ipparkjar, peress li kuljum, speċjalment filgħodu, qed tinħoloq konfużjoni fit-traffiku.

Ġie propost li fi **Triq Belt il-Ħażna**, fl-inħawi tal-latrina, jitpoġġew bollards sabiex jinħoloq passaġġ adegwat. Dan minħabba li bħalissa mhux qed ikun hemm aċċess għall-persuni li jużaw il-pont biex imorru fuq l-opri tal-baħar tagħhom, peress li vetturi qed jipparkjaw viċin.

**Resident 2:** Talab li jinqatgħu u jinżabru s-siġar taż-żebbuġ fi **Ġnien 6 ta' Awwissu**, b'mod partikolari dawk li jinsabu wara l-*bus stop* fuq in-naħa ta' ġewwa, peress li kibru b'mod konsiderevoli u qed jostakolaw id-dawl pubbliku eżistenti. Dan qed iwassal għal tnaqqis fil-viżibilità u jista' jiffaċilita abbuż jew atti mhux mixtieqa.

Barra minn hekk, ġie propost li jiżdied id-dawl fl-istess żona u tiġi installata CCTV Camera sabiex tissaħħaħ is-sigurtà u jiġi mtejjeb il-moniteraġġ tal-inħawi.

Ġie propost ukoll li fl-area tal-Gazebo tiġi installata sistema ta' CCTV sabiex l-inħawi jkunu sorveljati b'mod adegwat. Dan peress li qed ikun hemm każijiet ta' abbuż u mġieba mhux xierqa minn xi persuni, b'mod partikolari meta dawn ikunu taħt l-influenza tal-alkoħol.

Ġie rrappurtat ukoll li, f'ċerti ħinijiet, l-aċċess għall-bankini u l-bankijiet pubbliċi qed jiġi ostakolat, u b'hekk mhux qed jitħalla spazju adegwat għall-pubbliku ġenerali biex juża l-faċilitajiet b'mod liberu u sigur.

L-installazzjoni ta' CCTV tgħin sabiex tissaħħaħ is-sigurtà, jitnaqqas l-abbuż u jiġi żgurat li l-area tibqa' aċċessibbli għal kulħadd.

Saqsa x'inhuma l-pjani rigward l-**Open Centre tal-Marsa**, u jekk hux ser jittieħdu xi miżuri jew isiru interventi fil-futur qarib.

Staqsa wkoll dwar l-**Istazzjon tal-Ferrovija tal-Marsa**, peress li dan jinsab fi stat ħażin u hemm tħassib li jista' jkompli jiddeterjora jew saħansitra joħloq periklu. Ġie ssuġġeriet li jkun hemm intervent ta' restawr jew manutenzjoni adegwata.

Barra minn hekk, tqajmet il-possibbiltà li l-Gvern jipprovdi spazju jew kamra li tkun tista' tintuża mill-Marsin sabiex tinħoloq mużew ta' magni antiki li jaħdmu bl-isteam. Il-Kunsill ġie nfurmat li hemm inġinier li għandu kollezzjoni privata ta' magni antiki u li huwa lest jagħtihom lill-Kunsill sabiex jiġu eżebiti għall-pubbliku f'dan il-mużew.

Staqsa wkoll dwar il-proġett tal-*ground* li jinsab fl-inħawi tal-Kunsill, fejn kien ġie propost li jinħoloq parkeġġ taħt il-ġibjun. Skont il-proposta, il-ġibjun u l-bandli jibqgħu fil-livell tat-triq, filwaqt li l-parkeġġ jinbena taħthom.

Ġiet mitluba aktar informazzjoni dwar l-istat ta' dan il-proġett u jekk hemmx pjanijiet konkreti sabiex dan jitwettaq.

**Resident 3:** Staqsa jekk f'**Albert Town** hemmx kenniesa inkarigati li jnaddfu l-area b'mod regolari. Ġie rrappurtat li l-inħawi ta' Pisani, in-naħa t'isfel tal-knisja, qed jitħallew fi stat ta' ndafa mhux adegwata u ma jidhirx li l-kenniesa qed inaddfu din iz-zona kif suppost.

Għaldaqstant, ġie mitlub kjarifika dwar il-frekwenza tat-tindif u jekk hemmx bżonn ta' aktar attenzjoni f'din iż-żona.

Staqsa wkoll rigward il-pont propost fi **Triq San Pawl**, fejn stqarr li diversi residenti tal-inħawi huma kontra dan il-proġett. Ġie espress it-tħassib li l-intervent ma jirriflettix il-prijoritajiet tar-residenti.

Huwa ssuġġerixxa li jkun ferm aktar għaqli li l-fondi allokati għall-bini tal-pont ippjanat jintużaw minflok għal proġett ta' parkeġġ dedikat għar-residenti tal-akwata, peress li l-kwistjoni tal-parkeġġ hija waħda urġenti u ta' impatt dirett fuq il-komunità.

**Resident 4:** Propona li l-water culverts ma jsirux fin-nofs tal-karreġġjata, iżda jitqiegħdu mal-ġnub tagħha, sabiex jitnaqqsu r-riskji u jiġu evitati perikli kemm għas-sewwieqa kif ukoll għall-pubbliku ġenerali.

Semma wkoll li hemm water culvert lejn l-aħħar tat-triq li sfronda u li jeħtieġ intervent urġenti ta' tiswija sabiex jiġi evitat aktar ħsara jew inċidenti.

Barra minn hekk, sostna li ċerti kumpaniji qed jużaw it-triq b'mod abbużiv permezz tal-użu ta' *forklifts*. Allegatament qed isiru tellieqa bejniethom biex iħottu l-materjal li jinġieb bil-vannijiet (minflok bil-containers), u dan qed isir minn fejn Abela, jgħaddu minn fejn il-każin l-antik tal-Banda Trinità, bil-merkanzija mgħobbija fuq il-*forklifts*. Ġie espress tħassib dwar is-sigurtà u l-periklu li dan l-użu jista' joħloq għall-pubbliku u għat-traffiku.

Propona wkoll li, peress li jgħaddi kuljum minn Ġnien 6 ta' Awwissu, huwa ta' valur li jsir iż-żbir tas-siġar sabiex jinżammu f'kundizzjoni tajba. Madankollu, sostna li huwa ferm importanti li ż-żbir isir b'mod professjonali u regolari kull sena, u mhux b'mod eċċessiv jew aggressiv li jista' jagħmel ħsara lis-siġar jew jiddeterjora l-istat tagħhom.

Staqsa dwar l-*irrigation system* li hemm fuq il-pont quddiem il-Kunsill, peress li qed tikkawża ħafna ħsara lill-istruttura. Minħabba li l-ilma mill-arkati qed jinżel mill-*irrigation* fuq il-pont, il-konkos ilu faqqa u jinsab fi stat perikoluż. Ġie enfasizzat li l-*irrigation* għandha jkollha *water insulation* tajjeb sabiex tipprevjeni ħsara ulterjuri.



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

Fl-aħħar, talab ukoll li fil-gwiebi jintużaw il-pompi, u ssuġġerixxa li dawn il-pompi jkunu ta' tip li jista' jitħalla jtelgħu l-ilma bil-fann (fan) sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' perikli u tnaqqis tal-ilma.

Is-Sindku nfurma li l-Kunsill ħa nota tal-proposti mressqa mir-residenti preżenti.

Is-Sindku rringrazzja lir-residenti li għoġobhom jilqgħu l-istedina tal-Kunsill u ressqu proposti tagħhom.

### 33.4 Tmiem tal-laqgħa

Il-laqgħa Pubblika ntemmet fit- tmienja u sitta u għoxrin minuta (20:26) ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Luke Farrugia | Roderick Ebejer |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |